PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2013/0402(COD)**

26.3.2015

# EMENDI
# 172 - 339

**Abbozz ta' rapport**
**Constance Le Grip**
(PE546.885v01-00)

dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom

Proposta għal direttiva
(COM(2013)0813 – C7-0431/2013 – 2013/0402(COD))

**Emenda 172**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***m'hemmx dritt għall-applikazzjoni*** għall-miżuri***, l-proċeduri*** u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva meta l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:*** | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-każijiet li ġejjin huma eżentati mill-applikazzjoni*** għall-miżuri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva meta l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn il-każijiet għandhom jiġu aġġudikati fuq il-meriti mill-awtoritajiet rilevanti, il-konsegwenzi legali biss (il-miżuri u r-rimedji) jistgħu ma jiġux applikati.*

**Emenda 173**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li m'hemmx dritt għall-applikazzjoni għall-miżuri, l-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva meta l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin: | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw***, permezz tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti,*** li m'hemmx dritt għall-applikazzjoni għall-miżuri, l-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva meta***, minn evidenza meħuda waqt il-proċedimenti ġudizzjarji,*** l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin: |

ro

*Ġustifikazzjoni*

*L-awtoritajiet ġudizzjarji biss, fuq bażi tal-evidenza meħuda, jistgħu jiddeterminaw jekk l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kienx legali.*

**Emenda 174**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***m'hemmx dritt għall-applikazzjoni għall-miżuri, l-proċeduri*** u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva meta l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:*** | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-każijiet li ġejjin huma eżentati mill-applikazzjoni tal-miżuri*** u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva meta l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq |

Or. en

**Emenda 175**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li m'hemmx dritt għall-applikazzjoni għall-miżuri, l-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva meta*** l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin: | 2. ***L-akkwist, l-użu u l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali tal-Istati Membri għandhom jiġu kkunsidrati legali sal-punt li*** l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali ***jkun*** twettaq fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dak li hu legali għandu jkun definit b'mod ċar.*

**Emenda 176**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jidher li din l-eċċezzjoni, li ma nistgħux naqblu magħha, saret aktar wiesgħa biż-żieda.*

**Emenda 177**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni;;*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Permezz tad-Direttiva la jinbidel u lanqas jissaħħaħ il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali - bħad-dritt għal-libertà tal-espressjoni jew il-libertà ta' informazzjoni. Għalhekk, dan il-paragrafu mhuwiex neċessarju.*

**Emenda 178**
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; | (a) ***fejn hu meħtieġ*** biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni ***u fejn l-użu tad-dritt għall-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni huwa proporzjonat mad-dannu kkawżat lil-interessi ekonomiċi leġittimi tad-detentur tas-sigriet kummerċjali***; |

Or. en

**Emenda 179**
**Henna Virkkunen, Sampo Terho**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; | (a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; ***ħlief f'każijiet fejn tali libertà hija limitata b'obbligu ta' segretezza li ġej minn relazzjoni ta' impjieg***; |

Or. en

**Emenda 180**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) biex isir użu ***leġittimu*** mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; | (a) biex isir użu ***xieraq*** mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni ***kif żgurat*** |

| | |
|---|---|
| | ***fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***; |

Or. it

**Emenda 181**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) biex isir użu ***leġittimu*** mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u ***l-informazzjoni***; | (a) biex isir użu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni***, il-libertà tal-midja*** u ***l-libertà tal-informazzjoni***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kelma "leġittimu" tista' twassal għal interpretazzjoni dejqa u restrittiva tal-prinċipju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva hu li ma jillimitax id-dritt għal-libertà tal-espressjoni. Limitazzjoni bħal din għandha tkun ikkunsidrata biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna (malafama, diskors ta' mibegħda, eċċ.) u hija barra mill-mandat ta' din il-proposta.*

**Emenda 182**
**Mary Honeyball**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; | (a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni ***u d-dritt għal-libertà tal-midja***; |

Or. en

**Emenda 183**
**Virginie Rozière**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) biex isir użu ***leġittimu*** mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; | a) biex isir użu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; |

Or. fr

**Emenda 184**
**Jean-Marie Cavada, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) biex isir użu ***leġittimu*** mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; | a) biex isir użu mid-dritt ***tal-libertà tal-midja,*** tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; |

Or. fr

**Emenda 185**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; | (a) biex isir użu leġittimu ***u ġust*** mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni; |

Or. bg

**Emenda 186**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-evidenza tal-prevalenza ta' interess pubbliku ġenerali fl-iżvelar;*** |

Or. it

**Emenda 187**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali tal-applikant, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku;*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kliem magħżul għandu sens wiesa' ħafna u huwa suxxettibbli għal interpretazzjonijiet konfliġġenti. Biex ikun hemm ċertezza legali, huwa aħjar li jitħassar dan il-kliem.*

**Emenda 188**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għall-iskop tinkixef ***il-kondotta*** ħażina, ***l-għemil*** ħażin jew attività illegali ***tal-applikant***, sakemm l-allegat akkwist, ***użu*** | (b) għall-iskop ***li*** tinkixef ***kondotta*** ħażina, ***għemil*** ħażin jew attività illegali, sakemm l-allegat akkwist, jew żvelar ta' sigriet |

| | |
|---|---|
| jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; | kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Attivitajiet ta' "żvelar ta' informazzjoni protetta" leġittimi ma għandhomx jinkludu l-użu attwali ta' sigrieti kummerċjali.*

**Emenda 189**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali ***tal-applikant***, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; | (b) għall-iskop ***li*** tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; |

Or. it

**Emenda 190**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali tal-applikant, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; | (b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali tal-applikant ***jew ta' kwalunkwe persuna oħra***, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; |

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-każ stipulat minn dan it-test leġiżlattiv, kondotta ħażina, għemil ħażin jew attività illegali possibbli li titwettaq mhux biss mill-applikant iżda wkoll minn kwalunkwe persuna oħra għandhom jiġu kkunsidrati.*

**Emenda 191**
**Henna Virkkunen, Sampo Terho**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għall-iskop tinkixef ***il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew*** attività illegali tal-applikant***, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku;*** | (b) għall-iskop ***li*** tinkixef attività illegali tal-applikant ***lill-awtorità kompetenti***; |

Or. en

**Emenda 192**
**Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għall-iskop ***tinkixef il-kondotta*** ħażina, ***l-għemil*** ħażin jew attività illegali ***tal-applikant, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku***; | (b) għall-iskop ***li jinkixfu dawk li r-rikorrent jemmen in bona fide li huma kondotta*** ħażina, ***għemil*** ħażin jew attività illegali; |

Or. en

**Emenda 193**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin ***jew*** attività illegali ***tal-applikant***, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; | (b) għall-iskop ***li*** tinkixef il-kondotta ħażina, ***il-frodi,*** l-għemil ħażin***,*** attività illegali, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tkun żgurata, pereżempju, il-protezzjoni tal-informaturi (whistleblowers), attivitajiet illegali iżda anke dawk mhux etiċi għandhom jikkwalifikaw bħala għan leġittimu biex jiġi żvelat sigriet kummerċjali.*

**Emenda 194**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali tal-applikant, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; | b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina ***lill-awtoritajiet jew lill-korpi superviżorji***, l-għemil ħażin jew attività illegali tal-applikant, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien ***strettament konfinat għal u*** meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; |

Or. fr

**Emenda 195**
**Virginie Rozière**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) għall-iskop tinkixef ***il-kondotta*** ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali ***tal-applikant, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li*** l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku; | b) għall-iskop tinkixef ***jew tiġi invalidata l-kondotta*** ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali***, attakk fuq l-ambjent, id-drittijiet tal-konsumatur jew id-drittijiet tal-impjegati, ta' pjan soċjali, ta' rilokazzjoni, jew twaqqif ta' assi tal-applikant, sakemm*** l-intimat ***ikun*** aġixxa fl-interess pubbliku; |

Or. fr

**Emenda 196**
**Gilles Lebreton, Marie-Christine Boutonnet**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali tal-applikant, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni ***u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku***; | b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali tal-applikant, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni; |

Or. fr

**Emenda 197**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) id-dekumpilazzjoni u t-twettiq ta' atti meħtieġa biex persuna tosserva, tistudja jew tittestja l-iffunzjonartal-programmi tal-kompjuter permessi mid-Direttiva 2009/24/KE*** *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[1a]***;*** |
| | _______________ |
| | [1a]***Id-Direttiva 2009/24/KE*** *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU L 111, 5.5.2009, p. 16).* |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjoni tiċċara li l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali mhijiex prevalenti fuq id-drittijiet skont id-drittijet tal-awtur tas-softwer tad-Direttiva 2009/24/KE. Programmi tal-kompjuter bħala "servizzi" ma jikkwalifikawx bħala "prodotti" jew "oġġetti" skont l-Artikolu 4(1)b eżistenti. Kif tispjega premessa tad-Direttiva 2009/24/KE "Persuna li għandha d-dritt li tuża programm tal-kompjuter m'għandhiex tkun ipprojbita milli twettaq atti meħtieġa biex tosserva, tistudja jew tittestja l-iffunzjonar tal-programm, kemm-il darba dawk l-atti ma jiksrux id-drittijiet tal-awtur fil-programm".*

**Emenda 198**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-iżvelar tal-informazzjoni mill-amministrazzjonijiet pubbliċi huwa mitlub jew meħtieġ mit-twettiq tal-mandat tagħhom, kif mitlub jew permess mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni;*** |

Or. it

**Emenda 199**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 200**
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; | (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom***, sakemm tali żvelar kien meħtieġ għal dak l-eżerċizzju***; |

Or. en

**Emenda 201**
**Jiří Maštálka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala | (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala |

| | |
|---|---|
| parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; | parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; ***ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jingħataw dritt ta' veto sabiex jipproteġu s-sigrieti kummerċjali tagħhom f'każ ta' fużjonijiet jew bejgħ tal-intrapriżi tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 202**
**Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; | (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom ***skont il-liġi u l-prattiki tal-Unjoni u dawk nazzjonali***; |

Or. en

**Emenda 203**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom ***bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom***; | (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom ***skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Informazzjoni bħal din tista' ħafna drabi tiġi evalwata wara biss u twassal għal inċertezza legali għall-informaturi jew għar-rappreżentanti tal-ħaddiema.*

**Emenda 204**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; | c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom ***f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali, sakemm tali żvelar kien strettament konfinat u meħtieġ għal dak l-eżerċizzju***; |

Or. fr

**Emenda 205**
**Virginie Rozière**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju ***leġittimu*** tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; | c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; |

Or. fr

**Emenda 206**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; | c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom***, bil-kundizzjoni li tali żvelar kien strettament neċessarju għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet rappreżentattivi msemmija***; |

Or. de

**Emenda 207**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; | (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; ***f'dan il-każ, ir-rappreżentanti m'għandhomx jużaw jew jiżvelaw l-informazzjoni akkwistata rigward sigriet kummerċjali, minbarra fil-każi previsti għal dan l-iskop***; |

Or. bg

**Emenda 208**
**Mary Honeyball, Glenis Willmott, Catherine Stihler**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-iżvelar tiegħu huwa meħtieġ skont*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru;*** |

Or. en

**Emenda 209**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) meta jiġu ssodisfati t-termini tal-kuntratt ta' impjieg tal-impjegati;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema li jiksbu għarfien ta' jew li joħolqu sigrieti kummerċjali permezz tal-prestazzjoni tal-kuntratt tagħhom.*

**Emenda 210**
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) għall-iskop tal-issodisfar ta' obbligu nonkontrattwali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 211**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(d) għall-iskop tal-issodisfar ta' obbligu nonkontrattwali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn l-eżenzjonijiet huma wesgħin wisq u jippreżentaw riskju għaċ-ċertezza legali u jistgħu joffru opportunitajiet għall-miżappropprijazzjoni tas-sigrieti kummerċjali.*

**Emenda 212**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(d) għall-iskop tal-issodisfar ta' obbligu nonkontrattwali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 213**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| d) għall-iskop tal-issodisfar ta' obbligu ***nonkontrattwali***; | d) għall-iskop tal-issodisfar ta' obbligu ***legali***; |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kliem preċedenti huwa wisq ġenerali u jillimita l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali.*

**Emenda 214**
**Gilles Lebreton, Marie-Christine Boutonnet, Sylvie Goddyn**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***da ) l-iżvelar ta' sigrieti tan-negozju taħt l-industriji farmaċewtiċi u kimiċi utli biex titjieb is-saħħa pubblika, b'mod partikolari r-riżultati ta' provi kliniċi jew ta' tossiċità;*** |

Or. fr

**Emenda 215**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) għall-iskop tal-protezzjoni ta' interess leġittimu.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn l-eżenzjonijiet huma wesgħin wisq u jippreżentaw riskju għaċ-ċertezza legali u jistgħu joffru opportunitajiet għall-miżappropprijazzjoni tas-sigrieti kummerċjali.*

**Emenda 216**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) għall-iskop tal-protezzjoni ta' interess leġittimu.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 217**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) għall-iskop tal-protezzjoni ta' interess leġittimu. | (e) għall-iskop tal-protezzjoni ta' interess leġittimu***, rikonoxxut mil-liġi nazzjonali u anke permezz tal-prattika ġudizzjarja***. |

Or. en

**Emenda 218**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| e) għall-iskop tal-protezzjoni ta' interess leġittimu. | e) għall-iskop tal-protezzjoni ta' interess leġittimu***, li huwa rikonoxxut mil-liġi tal-Unjoni Ewropea jew il-liġi nazzjonali***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sitwazzjoni hija ġenerali wisq mingħajr il-limitazzjoni, u għalhekk tillimita l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali wisq.*

**Emenda 219**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) Il-kisba, l-użu u l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali għandhom ukoll jitqiesu legali sal-limitu li huma meħtieġa jew awtorizzati mil-liġi nazzjonali jew tal-UE, jew meta azzjonijiet bħal dawn iservu l-interess pubbliku.*** |

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa neċessarju li dan it-test legali jiġi inkluż sabiex ikopri dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-kisba, l-użu u l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali huwa legali permezz ta' serje ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali jew tal-UE, kif ukoll f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn tali azzjonijiet huma meħtieġa mill-perspettiva tal-interess pubbliku.*

**Emenda 220**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) għall-iskop tal-protezzjoni tal-ordni pubblika u l-interess ġenerali, inklużi s-saħħa u l-ambjent kif ukoll il-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tkun evitata l-inċertezza bejn il-supremazija tal-liġi, l-aċċess għall-informazzjoni bil-għan li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni soċjali u ambjentali għandu jkun stabbilit b'mod ċar bħala akkwist legali. Anke biex ikun iffaċilitat l-iżvelar ta' informazzjoni protetta.*

**Emenda 221**
**Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) għall-iskop tal-protezzjoni tal-interess pubbliku, inkluża l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-benessri tal-annimali u tal-ambjent.*** |

Or. en

**Emenda 222**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) is-sigriet kummerċjali huwa mitlub u/jew żvelat minn istituzzjoni pubblika skont il-mandat tagħha, kif meħtieġ jew permess mil-liġijiet nazzjonali jew mir-regolamenti tal-Unjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-intrapriżi m'għandhomx ikunu jistgħu jużaw id-dispożizzjonijiet previsti f'din id-Direttiva ("sigriet kummerċjali") meta jirċievu talbiet għal informazzjoni kif meħtieġ mil-liġi u minn istituzzjonijiet pubbliċi fit-twettiq tal-mandat tagħhom. Jeżistu ħafna eżempji ta' prattika bħal din u sikwit l-awtoritajiet jew l-istituzzjonijiet pubbliċi, b'mod speċjali fil-livell lokali, ma jkollhomx il-kapaċità li jwieġbu għar-rifjut tat-talbiet tagħhom għall-iżvelar ta' informazzjoni.*

**Emenda 223**
**Pascal Durand, Julia Reda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ec (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ec) Ir-rekwiżit jew l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 4(4)(d) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) 1367/2006 u l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/4/KE li jeħtieġu l-iżvelar ta' informazzjoni dwar emissjonijiet rilevanti għall-protezzjoni tal-ambjent anke fil-każ ta' informazzjoni kummerċjali u industrijali kunfidenzjali.*** |

Or. en

**Emenda 224**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ed (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ed) ir-rekwiżit jew l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 5(8) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tan-Nazzjonijiet Uniti li jeħtieġu li informazzjoni suffiċjenti dwar il-prodott tkun disponibbli għall-pubbliku b'tali mod li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet ambjentali infurmati;*** |

Or. en

**Emenda 225**
**Pascal Durand, Julia Reda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ee (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ee) għall-iskop li jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet tas-sigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 226**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2a. Il-mezzi u l-eċċezzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss sakemm dawn ikunu konformi ma' prattiki kummerċjali onesti u ma jagħtu l-ebda vantaġġ kompetittiv mhux ġust.*** |

Or. fr

**Emenda 227**
**Virginie Rozière**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2a. Dan l-Artikolu japplika għal kull akkwist, użu u żvelar ta' sigrieti tan-negozju, kemm jekk jirriżultaw jew le minn atti definiti fl-Artikolu 3.*** |

Or. fr

**Emenda 228**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-akkwist, l-użu u l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali għandhom jitqiesu bħala legali kemm-il darba huma rekwiżiti mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni. Informazzjoni li hija disponibbli pubblikament jew soġġetta għal żvelar pubbliku skont il-liġi nazzjonali jew tal-UE m'għandhomx jitqiesu bħala sigriet kummerċjali.*** |

Or. bg

**Emenda 229**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu għall-miżuri***, il-proċeduri u r-rimedji meħtieġa sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' rimedju ċivili kontra l-akkwist l-użu u l-iżvelar illegali, tas-sigrieti kummerċjali. | 1. L-Istati Membri għandhom ***jirregolaw il-miżuri***, il-proċeduri u r-rimedji meħtieġa sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' rimedju ċivili***, jew, fejn xieraq, kriminali,*** kontra l-akkwist l-użu u l-iżvelar illegali, tas-sigrieti kummerċjali. |

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ ukoll li tiġi regolata l-possibbiltà ta' rimedju kriminali minħabba li, f'ċertu Stati Membri, l-azzjoni ċivili hija possibbli fi ħdan l-azzjoni kriminali.*

**Emenda 230**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) huwa proporzjonat; | (a) huwa proporzjonat ***għall-ħsara ekonomika attwali għad-detentur tas-sigriet kummerċjali minħabba l-allegat aċċess, żvelar jew użu illegali tiegħu***; |

Or. en

**Emenda 231**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jevita l-ħolqien ta' xkiel għall-kummerċ leġittimu fis-suq intern; | (b) jevita l-ħolqien ta' xkiel għall-kummerċ leġittimu***, il-kompetizzjoni u l-mobilità tal-ħaddiem*** fis-suq intern; |

Or. it

**Emenda 232**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jevita l-ħolqien ta' xkiel għall-kummerċ leġittimu fis-suq intern; | (b) jevita l-ħolqien ta' xkiel għall-kummerċ leġittimu***, il-kompetizzjoni u l-mobilità tal-ħaddiema*** fis-suq intern; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-aħħar riċerka, miżuri restrittivi għandhom impatt negattiv ċar u konsiderevoli fuq l-*

*innovazzjoni b'mod speċjali fi gruppi/kumpaniji b'teknoloġija avvanzata. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ma jxekklux il-kompetizzjoni u l-mobilità tal-ħaddiema. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandux ikollhom effett ta' detriment fuq il-libertajiet fundamentali tas-suq intern, jiġifieri l-libertà tal-moviment tal-persuni u s-servizzi.*

**Emenda 233**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jipprovdi salvagwardji kontra l-abbuż. | (c) jipprovdi salvagwardji kontra l-abbuż ***u jiżgura li, meta l-konvenuti jiġu akkużati inġustament b'azzjoni illegali, huma jirċievu kumpens għal kwalunkwe dannu sofrut minħabba din l-azzjoni illegali bla bażi***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Salvagwardji kontra l-abbużi għandhom jinvolvu biżżejjed diżinċentivi ekonomiċi sabiex jiskoraġġixxu talbiet foloz, kif ukoll jiżguraw kumpens proporzjonat għal dawk li jkunu ġew akkużati inġustament. Dan huwa dejjem aktar importanti għall-SMEs.*

**Emenda 234**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-prova li s-sigriet kummerċjali ġie akkwistat illegalment u li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva ma tapplika, għandha tinġarr mill-persuna legalment fil-kontroll tas-sigriet kummerċjali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali ma toħloq l-ebda drittijiet proprjetarji, għalhekk il-protezzjoni hija kontra n-natura illegali tal-akkwist. Dan ifisser li l-persuna li legalment tikkontrolla l-informazzjoni mhux żvelata għandha ġġorr il-piż tal-provi tal-fatt li dan l-akkwist kien fil-fatt illegali, u l-ebda eċċezzjoni ma tapplika. Jekk le, din il-persuna tista' tgawdi minn dritt proprjetarju de facto.*

**Emenda 235**
**Mary Honeyball, Glenis Willmott, Catherine Stihler**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jiżgura li, rigward il-provi kliniċi, u skont ir-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], id-detentur tas-sigriet kummerċjali għandu r-responsabbiltà li jipprova li l-informazzjoni inkwistjoni hija sigriet kummerċjali u li din l-informazzjoni ġiet akkwistata illegalment.*** |
| | ***[1a] Regolament (KE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 1).*** |

Or. en

**Emenda 236**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jiddeterminaw li talba li tikkonċerna l-akkwist, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali tkun manifestament infondata u l-applikant jinstab li ta bidu għal proċedimenti legali in mala fede bil-għan li jdewwem jew jirrestrinġi l-aċċess tal-intimat għas-suq jew inkella li jintimida jew jiffastidja lill-intimat, dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu intitolati ***li jieħdu l-miżuri li ġejjin:*** | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jiddeterminaw li talba li tikkonċerna l-akkwist, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali tkun manifestament infondata u l-applikant jinstab li ta bidu għal proċedimenti legali in mala fede bil-għan li jdewwem jew jirrestrinġi l-aċċess tal-intimat għas-suq jew inkella li jintimida jew jiffastidja lill-intimat, dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu intitolati***, fuq talba tal-intimat, li jordnaw il-pagament lilu tad-danni proporzjonata mal-ħsara attwali mġarrba.*** |
| ***(a) jimponu sanzjonijiet fuq l-applikant;*** | |
| ***(b) jordnaw id-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar id-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 14.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsegwenzi tal-aġir in mala fede huma rregolati mil-liġi nazzjonali b'mod eżawrjenti, għalhekk ma hemmx bażi għall-istabbiliment ta' regoli speċifiċi dwar parti li taġixxi in mala fede fil-proċedimenti ta' ksur tas-sigriet kummerċjali.*

**Emenda 237**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ***jiddeterminaw li talba li tikkonċerna*** l-akkwist***, l-iżvelar jew l-użu*** illegali ta' sigriet kummerċjali tkun ***manifestament infondata u l-applikant jinstab li ta bidu*** | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ***jistgħu, fuq talba mill-intimat, japplikaw miżuri xierqa kif previst fil-liġi nazzjonali, fejn talba dwar*** l-akkwist, ***l-użu jew l-iżvelar*** illegali ta' sigriet kummerċjali tkun ***b'mod*** |

| | |
|---|---|
| ***għal proċedimenti legali in mala fede bil-għan li jdewwem jew jirrestrinġi l-aċċess tal-intimat għas-suq jew inkella li jintimida jew jiffastidja lill-intimat, dawn*** l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri li ġejjin: | ***evidenti bla bażi u l-applikant jinstab li jkun beda l-proċeduri legali b'mod abbużiv jew in mala fede. Dawn*** l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri li ġejjin: |

Or. bg

**Emenda 238**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** li fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jiddeterminaw li talba li tikkonċerna l-akkwist, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali tkun manifestament infondata u l-applikant jinstab li ta bidu għal proċedimenti legali in mala fede bil-għan li jdewwem jew jirrestrinġi l-aċċess tal-intimat għas-suq jew inkella li jintimida jew jiffastidja lill-intimat, dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri li ġejjin: | L-Istati Membri ***jistgħu jiżguraw*** li fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jiddeterminaw li talba li tikkonċerna l-akkwist, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali tkun manifestament infondata u l-applikant jinstab li ta bidu għal proċedimenti legali in mala fede bil-għan li jdewwem jew jirrestrinġi l-aċċess tal-intimat għas-suq jew inkella li jintimida jew jiffastidja lill-intimat, dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri li ġejjin: |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*F'xi Stati Membri ma hemmx ħtieġa għall-possibbiltajiet ta' sanzjonijiet imsemmija, peress li f'xi Stati Membri, pereżempju f'każ ta' telf ta' proċediment l-ispejjeż proċedurali diġà jitħallsu mill-applikant.*

**Emenda 239**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jiddeterminaw li talba li tikkonċerna l-akkwist, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali tkun ***manifestament*** infondata u l-applikant jinstab li ta bidu għal proċedimenti legali in mala fede bil-għan li jdewwem jew jirrestrinġi l-aċċess tal-intimat għas-suq jew inkella li jintimida jew jiffastidja lill-intimat, dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri li ġejjin: | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jiddeterminaw li talba li tikkonċerna l-akkwist, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali tkun infondata u l-applikant jinstab li ta bidu għal proċedimenti legali in mala fede bil-għan li jdewwem jew jirrestrinġi l-aċċess tal-intimat għas-suq jew inkella li jintimida jew jiffastidja lill-intimat***, jew li jipprevjeni l-iżvelar ta' informazzjoni ta' interess pubbliku***, dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Miżuri sabiex jiġu ssanzjonati allegazzjonijiet infondati għandhom japplikaw għall-każijiet kollha (kif deskritt fl-Artikolu 4) fejn l-akkwist, l-iżvelar jew l-użu huma meqjusa bħala legali.*

**Emenda 240**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jiżguraw kumpens proporzjonat għad-danni u t-telf ekonomiku li ġarrab, jekk hemm, kif ukoll għall-ħsara morali potenzjali kkawżata lil dak li allegatament jaċċessa, jakkwista jew juża illegalment is-sigrieti kummerċjali;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kumpens proporzjonat u reċiproku għandu jkun żgurat għal dawk akkużati inġustament.*

**Emenda 241**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jiggarantixxu l-kumpens għal danni u telf ekonomiku eventwali;*** |

Or. it

**Emenda 242**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***aa) biex jagħti kumpens għad-danni sofruti mill-intimat;*** |

Or. bg

**Emenda 243**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-intimat li jitlob id-danni, jekk il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi*** | ***L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li dawn il-miżuri jiġu determinati fi proċedimenti separati.*** |

***nazzjonali tippermetti.***

Or. bg

**Emenda 244**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu ***f'tal-anqas sena waħda imma mhux aktar minn sentejn*** wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu ***sa ħames snin*** wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. |

Or. fr

**Emenda 245**
**Jiří Maštálka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu f'tal-anqas*** sena waħda ***imma mhux aktar minn sentejn wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni***. | ***Il-perjodu ta' limitazzjoni ma għandux ikun aktar minn*** sena waħda ***sabiex jippermetti l-mobilità tal-ħaddiema***. |

Or. en

**Emenda 246**
**Kostas Chrysogonos, Jiří Maštálka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu ***f'tal-anqas sena*** waħda ***imma mhux aktar minn*** sentejn wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu ***f'sena*** waħda ***jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom jiġu enumerati fil-leġiżlazzjoni rilevanti, fi żmien*** sentejn wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. |

Or. en

**Emenda 247**
**Virginie Rozière**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu f'tal-anqas sena waħda ***imma mhux aktar minn sentejn*** wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu f'tal-anqas sena waħda wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. |

Or. fr

**Emenda 248**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva ***jistgħu jinġiebu f'tal-anqas sena waħda imma mhux*** aktar minn ***sentejn wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni***. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva ***ma jistgħux isiru*** aktar minn ***ħames snin***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-regoli tal-limitazzjoni huma ġeneralment ddefiniti fil-liġi ċivili nazzjonali. Il-liġi ċivili nazzjonali tiddefinixxi limitu ta' żmien objettiv u suġġettiv għall-perjodu ta' limitazzjoni. L-Artikolu 7 jistabbilixxi limitu ta' żmien suġġettiv biss. Regola bħal din, jekk b'konnessjoni mal-ksur tas-sigrieti kummerċjali biss ma tkunx kompatibbli mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Jekk ikun meħtieġ li jiġi rregolat il-perjodu ta' limitazzjoni f'din il-proposta, imbagħad ir-regola għandha tindika limitu ta' żmien (definittiv) finali li ma jiddependix fuq il-kuxjenza tal-applikant.*

**Emenda 249**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu f'tal-anqas sena waħda imma mhux aktar minn ***sentejn*** wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu f'tal-anqas ħames snin imma mhux aktar minn ***tliet snin*** wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. |

Or. bg

**Emenda 250**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet*** għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva ***jistgħu jinġiebu f'tal-anqas sena waħda imma mhux aktar minn sentejn wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni***. | ***Il-limitu taż-żmien għall-preżentazzjoni tal-azzjoni*** għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva ***għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri***. |

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*L-iffissar tal-perjodu ta' limitu għandu jitħalla għall-Istati Membri.*

**Emenda 251**
**Henna Virkkunen, Sampo Terho**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu f'tal-anqas ***sena waħda imma mhux aktar minn*** sentejn wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu f'tal-anqas sentejn wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni. |

Or. en

**Emenda 252**
**Sajjad Karim, Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-azzjonijiet*** għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva ***jistgħu jinġiebu f'tal-anqas sena waħda imma mhux aktar minn sentejn wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni.*** | L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu r-regoli applikabbli għall-perjodi ta' limitazzjoni għal talbiet sostantivi jew għat-tressiq ta' azzjonijiet*** għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva***. Dawk ir-regoli għandhom jiddeterminaw meta jibda l-perjodu ta' limitazzjoni, it-tul ta' żmien tal-perjodu ta' limitazzjoni u ċ-ċirkostanzi li taħthom il-perjodu ta' limitazzjoni huwa interrott jew sospiż. It-tul ta' żmien tal-perjodu ta' limitazzjoni ma għandux jaqbeż is-sitt snin;*** |

Or. en

**Emenda 253**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' kull Stat Membru għandhom japplikaw għas-sospensjoni u l-interruzzjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni.*** |

Or. bg

**Emenda 254**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fil-każ ta' azzjoni legali kontra eksimpjegaturi u eksimpjegati, il-perjodu ta' limitazzjoni m'għandux jaqbeż sena sabiex ma jaffettwax jew jipprevjeni l-mobilità tal-impjegati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-interess tal-innovazzjoni u l-kompetizzjoni ħielsa, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jkun limitat għal sena waħda. L-esperjenza turi li ftehimiet b'saħħithom ta' nuqqas ta' kompetizzjoni jinvolvu l-eżodi ta' mħuħ u livelli mnaqqsa ta' investimenti u innovazzjoni.*

**Emenda 255**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali matul il-kors tal-proċedimenti legali | Preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali matul il-kors tal-proċedimenti legali ***u l-proċeduri amministrattivi*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Anki fir-rigward ta' sigrieti kummerċjali ppreżentati fi proċeduri amministrattivi, għandhom japplikaw l-istess regoli għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, bħal fi proċedimenti ġudizzjarji. Is-sigrieti kummerċjali anki f'dak il-każ ma għandhomx jiġu mhedda, minħabba li awtorità tippubblikahom jew tiżvelahom illegalment lil partijiet terzi.*

**Emenda 256**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ***ir-rappreżentanti legali*** tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ***l-avukati*** tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. |

Or. en

**Emenda 257**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali***, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela*** kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw***, permezz tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti,*** li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali ***jkun ġie infurmat fir-rigward tal-obbligu tiegħu li la juża u lanqas jiżvela*** kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. |

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri jistgħu jaġixxu permezz tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti li jinfurmaw il-partijiet bl-obbligi li għandhom skont l-Artikolu 8(1). Jekk l-allegat sigriet kummerċjali jissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 2(1) jew le jista' jiġi stabbilit biss minn sentenza finali tal-qorti. L-obbligu previst mill-Artikolu 8(1) għandu jiġi osservat tul il-proċedimenti ġudizzjarji kemm qabel l-ewwel smigħ u kif ukoll fil-qrati tal-appell.*

**Emenda 258**
**Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. ***L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti li jieħdu miżuri bħal dawn fuq inizjattiva tagħhom stess.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-Artikolu 8(2) "L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll.." Din il-proposta għandha tkun kompatibbli mal-liġi nazzjonali skont liema l-kwistjoni tal-kunfidenzjalità tkun ippruvata mill-qorti fuq bażi ta' każ b'każ. Dak l-approċċ għall-kunfidenzjalità jagħti tal-anqas l-istess protezzjoni lid-detentur tas-sigriet kummerċjali.*

**Emenda 259**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detentur ta' sigriet kummerċjali jingħata opportunità fil-bidu tal-proċedimenti legali li jinnotifika lill-qorti dwar l-informazzjoni li hija soġġetta għal ftit mir-restrizzjonijiet dwar id-dispożizzjoni u li l-iżvelar tagħha jista' jipperikola l-interessi ekonomiċi jew ir-reputazzjoni tal-partijiet jew ta' parti terza. Il-qorti għandha tiddetermina jekk it-talba għandhiex mertu.*** |

Or. bg

**Emenda 260**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali ***jew proċeduri amministrattivi*** dwar l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, |

| | |
|---|---|
| jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. | jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali ***jew mill-proċeduri amministrattivi***, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Anki fir-rigward ta' sigrieti kummerċjali ppreżentati fi proċeduri amministrattivi, għandhom japplikaw l-istess regoli għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, bħal fi proċedimenti legali. Is-sigrieti kummerċjali anki f'dak il-każ ma għandhomx jiġu mhedda, minħabba li awtorità tippubblikahom jew tiżvelahom illegalment lil partijiet terzi.*

**Emenda 261**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess**.** | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess***, kemm-il darba s-sigriet kummerċjali konċernat ikun ġie identifikat u li l-informazzjoni rilevanti ġiet ipprovata bħala kunfidenzjali mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti wara konsultazzjoni maż-żewġ partijiet.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żewġ partijiet għandhom ikunu konxji ta' liema informazzjoni għandha tinżamm u tkun kunfidenzjali.*

**Emenda 262**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 - parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu ma jibqax jeżisti f'xi waħda ***miċ-ċirkustanzi*** li ġejjin: | L-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu ***għandu jibqa' fis-seħħ wara li jintemmu l-proċedimenti legali. Madankollu, tali obbligu*** ma jibqax jeżisti f'xi waħda ***miċ-ċirkostanzi*** li ġejjin: |

Or. fr

**Emenda 263**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu ma jibqax jeżisti f'xi waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin: | L-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu ***għandu jibqa' fis-seħħ wara li jintemmu l-proċedimenti legali. Madankollu, dan*** ma jibqax jeżisti f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 264**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu ***ma jibqax*** jeżisti f'xi waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin: | L-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu ***għandu jibqa' fis-seħħ wara li jintemmu l-proċedimenti legali. Madankollu, dan*** ma jibqax jeżisti f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 265**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) fejn matul il-proċedimenti, l-allegat sigriet kummerċjali jinstab li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (1) tal-Artikolu 2***;*** | (a) fejn matul il-proċedimenti, l-allegat sigriet kummerċjali jinstab li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (1) tal-Artikolu 2 ***minn deċiżjoni li mhijiex soġġetta għal appell jew li saret finali minħabba li ma ġietx appellata,*** |

Or. en

**Emenda 266**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) fejn ***matul il-proċedimenti***, l-allegat sigriet kummerċjali jinstab li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (1) tal-Artikolu 2; | (a) fejn***, permezz ta' sentenza finali tal-qorti*** , l-allegat sigriet kummerċjali jinstab li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (1) tal-Artikolu 2; |

Or. ro

**Emenda 267**
**Kostas Chrysogonos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti ***jew fuq inizjattiva tagħhom stess***, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw l-akkwist***,*** l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. ***Dawn il-miżuri għandhom jiġu debitament ġustifikati u kkomunikati mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti lil-litiganti.*** |

Or. en

**Emenda 268**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw l-akkwist***,*** l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. ***L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll li l-awtoritajiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***ġudizzjarji kompetenti jieħdu miżuri bħal dawn fuq inizjattiva tagħhom stess.*** |

Or. en

**Emenda 269**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw ***l-akkwist*** l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali ***jew il-proċeduri amministrattivi*** li jirrigwardaw ***l-akkwist,*** l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Anki fir-rigward ta' sigrieti kummerċjali ppreżentati fi proċeduri amministrattivi, għandhom japplikaw l-istess regoli għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, bħal fi proċedimenti legali. Is-sigrieti kummerċjali anki f'dak il-każ ma għandhomx jiġu mhedda, minħabba li awtorità tippubblikahom jew tiżvelahom illegalment lil partijiet terzi.*

**Emenda 270**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw l-akkwist**,** l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. ***L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jieħdu miżuri bħal dawn fuq inizjattiva tagħhom stess.*** |

Or. en

**Emenda 271**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew parti minnhom; | (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew parti minnhom ***lil persuni speċifiċi***; |

Or. en

**Emenda 272**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew parti minnhom; | (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew parti minnhom, ***provdut li jiġi żgurat aċċess sħiħ għad-dokument mill-inqas għal persuna waħda għal kull parti, għar-rappreżentant legali u għall-uffiċjali tal-qorti***; |

Or. it

**Emenda 273**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi***, kollha jew parti minnhom***; | (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi***, sakemm ikunu rispettati d-dritt għal smigħ xieraq u d-dritt għad-difiża***; |

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess għad-dokumenti li fihom kwalunkwe sigriet kummerċjali ma jistax jiġi mċaħħad kompletament lill-partijiet għal proċess ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għaliex dan jista' jwassal għal ksur tad-drittijiet tal-parti li lilha qed jiġi miċħud l-aċċess għad-dokumenti u, għalhekk, tad-dritt għal smigħ xieraq. L-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jirrestrinġu parti mill-aċċess, iżda għandhom jagħmlu hekk waqt li josservaw il-garanziji għal smigħ xieraq.*

**Emenda 274**
**Henna Virkkunen, Sampo Terho**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew parti minnhom***;*** | (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew parti minnhom***, dwar il-ftehim li ma hemm l-ebda limitazzjoni għall-aċċess ta' kull parti involuta jew ir-rappreżentat tagħha.*** |

Or. en

**Emenda 275**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew parti minnhom; | (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew parti minnhom***, sakemm iż-żewġ partijiet involuti jew ir-rappreżentant tagħhom ikollhom aċċess għalihom***; |

Or. en

**Emenda 276**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 - punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew | a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew |

| | |
|---|---|
| parti minnhom; | parti minnhom ***lill-avukati jew lir-rapreżentanti legali tagħhom***; |

Or. fr

**Emenda 277**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) li jiġi ristrett l-aċċess għal seduti, meta s-sigrieti kummerċjali jistgħu jiġu żvelati, u r-rekords jew transkript korrispondenti tagħhom***. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, u soġġett għal ġustifikazzjoni xierqa, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jirrestrinġu l-aċċess tal-partijiet għal dawk is-seduti u jordnaw li dawn jitwettqu biss fil-preżenza tar-rappreżentanti legali tal-partijiet u esperti awtorizzati suġġett għal obbligu tal-kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafu 1;*** | (b) li jiġi ristrett l-aċċess għal seduti, meta s-sigrieti kummerċjali jistgħu jiġu żvelati, u r-rekords jew transkript korrispondenti tagħhom***, lil persuni speċifiċi.*** |

Or. en

**Emenda 278**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) li jiġi ristrett l-aċċess għal seduti, meta s-sigrieti kummerċjali jistgħu jiġu żvelati, u r-rekords jew transkript korrispondenti tagħhom. ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali, u soġġett għal ġustifikazzjoni xierqa, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jirrestrinġu l-aċċess tal-partijiet għal dawk is-seduti u jordnaw li dawn jitwettqu*** | (b) li jiġi ristrett l-aċċess ***pubbliku*** għal seduti, meta s-sigrieti kummerċjali jistgħu jiġu żvelati, u r-rekords jew transkript korrispondenti tagħhom. |

***biss fil-preżenza tar-rappreżentanti legali tal-partijiet u esperti awtorizzati suġġett għal obbligu tal-kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafu 1;***

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*L-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jirrestrinġu l-aċċess pubbliku għall-proċedimenti ġudizzjarji, iżda li jiġi restritt l-aċċess tal-partijiet għall-proċedimenti ġudizzjarji jkun eċċessiv u jista' jwassal għal ksur tad-dritt għad-difiża u għal smigħ xieraq.*

**Emenda 279**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li jagħmlu disponibbli verżjoni mhux kunfidenzjali ta' kull deċiżjoni ġudizzjarja, li minnhom ikunu tneħħew is-siltiet li jinkludu s-sigrieti kummerċjali. | (c) li jagħmlu disponibbli ***lill-partijiet terzi*** verżjoni mhux kunfidenzjali ta' kull deċiżjoni ġudizzjarja, li minnhom ikunu tneħħew is-siltiet li jinkludu s-sigrieti kummerċjali. |

Or. en

**Emenda 280**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li jagħmlu disponibbli verżjoni mhux kunfidenzjali ta' kull deċiżjoni ġudizzjarja, li minnhom ikunu ***tneħħew*** is-siltiet li jinkludu ***s-sigrieti*** kummerċjali. | (c) li jagħmlu disponibbli ***pubblikament*** verżjoni mhux kunfidenzjali ta' kull deċiżjoni ġudizzjarja, li minnhom ikunu ***tgħattew*** is-siltiet li jinkludu ***informazzjoni kkonfermata bħala sigrieti*** kummerċjali. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tgħattew tfisser "mgħottija bl-iswed". Tagħmilha ċara li l-ebda dokument speċifiku mhu se jkun editjat iżda li s-siltiet (sentenzi) ta' dokument li fihom sigrieti kummerċjali jkunu sempliċiment mgħottija bl-iswed.*

**Emenda 281**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fejn, minħabba l-ħtieġa li jiġi protett is-sigriet kummerċjali jew l-allegata sigriet kummerċjali u skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tiddeċiedi li l-evidenza legalment fil-kontroll ta' parti m'għandhiex tiġi żvelata lill-parti l-oħra u fejn tali evidenza tkun materjali għar-riżultat tal-litigazzjoni, l-awtorità ġudizzjarja tista' xorta waħda tawtorizza l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni lir-rappreżentanti legali tal-parti l-oħra u, fejn xieraq, lill-esperti awtorizzati suġġetti għall-obbligu tal-kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafu 1.*** | ***imħassar*** |

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*Dispożizzjoni eċċessiva li twassal għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.*

**Emenda 282**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fejn, minħabba l-ħtieġa li jiġi protett is-sigriet kummerċjali jew l-allegata sigriet kummerċjali u skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tiddeċiedi li l-evidenza legalment fil-kontroll ta' parti m'għandhiex tiġi żvelata lill-parti l-oħra u fejn tali evidenza tkun materjali għar-riżultat tal-litigazzjoni, l-awtorità ġudizzjarja tista' xorta waħda tawtorizza l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni lir-rappreżentanti legali tal-parti l-oħra u, fejn xieraq, lill-esperti awtorizzati suġġetti għall-obbligu tal-kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafu 1.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Diġà koperta mill-emendi tagħna.*

**Emenda 283**
**Virginie Rozière**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta jiddeċiedu dwar l-għoti jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u jivvalutaw il-proporzjonalità, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu l-interessi leġittimi tal-partijiet u, fejn xieraq ta' partijiet terzi, u kwalunkwe ħsara potenzjali għal waħda mill-Partijiet, u fejn xieraq partijiet terzi, li jirriżultaw mill-għoti jew ir-rifjut ta' tali applikazzjoni. | 3. Meta jiddeċiedu dwar l-għoti jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u jivvalutaw il-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu ***l-ħtieġa li jiġu żgurati d-drittijiet għal rimedju effettiv u għal proċess ġust,*** l-interessi leġittimi tal-partijiet u, fejn xieraq ta' partijiet terzi, u kwalunkwe ħsara potenzjali għal waħda mill-Partijiet, u fejn xieraq partijiet terzi, li jirriżultaw mill-għoti jew ir-rifjut ta' tali applikazzjoni. |

Or. fr

**Emenda 284**
**Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta jiddeċiedu dwar l-għoti jew iċ-ċaħda ***tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2*** u jivvalutaw il-proporzjonalità, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu l-interessi leġittimi tal-partijiet u, fejn xieraq ta' partijiet terzi, u kwalunkwe ħsara potenzjali għal waħda mill-Partijiet, u fejn xieraq partijiet terzi, li jirriżultaw mill-għoti jew ir-rifjut ta' tali applikazzjoni. | 3. Meta jiddeċiedu dwar l-għoti jew iċ-ċaħda ***tal-miżuri għall-preservazzjoni ta' sigriet kummerċjali*** u jivvalutaw il-proporzjonalità ***tagħhom***, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu l-interessi leġittimi tal-partijiet u, fejn xieraq ta' partijiet terzi, u kwalunkwe ħsara potenzjali għal waħda mill-Partijiet, u fejn xieraq partijiet terzi, li jirriżultaw mill-għoti jew ir-rifjut ta' tali applikazzjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-proposta għandha tkun kompatibbli mal-liġi nazzjonali skont liema l-kwistjoni tal-kunfidenzjalità tkun ippruvata mill-qorti fuq bażi ta' każ b'każ. Dak l-approċċ għall-kunfidenzjalità jagħti tal-anqas l-istess protezzjoni lid-detentur tas-sigriet kummerċjali.*

**Emenda 285**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Kapitolu 3 – sezzjoni 2 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżuri proviżorji u kawtelatorji | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)* |

Or. en

**Emenda 286**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 9*** | ***imħassar*** |
| ***Miżuri proviżorji u kawtelatorji*** | |
| ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq it-talba tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, jordnaw kwalunkwe mill-miżuri provviżorji u prekawzjonarji li ġejjin kontra l-allegat kontraventur:*** | |
| ***(a) il-waqfien, jew, skont il-każ, il-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali fuq bażi provviżorja;*** | |
| ***(b) il-projbizzjoni tal-produzzjoni, l-offerta, jew it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodotti kontraventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħażna ta' prodotti kontraventorji għal dawk l-iskopijiet;*** | |
| ***(c) il-konfiska jew il-kunsinna ta' oġġetti suspettati bħala kontraventorji, inklużi oġġetti importati, sabiex jiġu evitati d-dħul u ċ-ċirkulazzjoni tagħhom fis-suq.*** | |
| ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar allegatament illegali ta' sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun hemm deċiżjoni ġudizzjarja, ibbażata fuq il-fatt li l-akkwist illegali ntwera qabel ma ttieħdu dawn il-miżuri, jiġifieri l-prinċipju li tkun innoċenti qabel ippruvat ħati. Fil-każ ta'*

*allegazzjoni infondata kontra SME, miżura prekawzjonarja bħal dik proposta fl-Artikolu 9 tista' twassal biex kumpanija tfalli qabel ma tkun tista' turi r-rieda tajba jew l-innoċenza tagħha. Dan l-Artikolu jista' jwassal għal talbiet abużivi u jista' jintuża bħala għodda antikompetittiva.*

**Emenda 287**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżuri proviżorji u kawtelatorji | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)* |

Or. en

**Emenda 288**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq it-talba tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, jordnaw kwalunkwe mill-miżuri ***provviżorji*** u prekawzjonarji li ġejjin kontra l-allegat kontraventur: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq it-talba tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, jordnaw kwalunkwe mill-miżuri ***proviżorji*** u prekawzjonarji li ġejjin kontra l-allegat kontraventur: |

Or. en

**Emenda 289**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-waqfien, jew, skont il-każ, il-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar ta’ sigriet kummerċjali fuq bażi ***provvižorja***; | (a) il-waqfien, jew, skont il-każ, il-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar ta’ sigriet kummerċjali fuq bażi ***proviżorja***; |

Or. en

**Emenda 290**
**Kostas Chrysogonos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) kwalunkwe miżura kawtelatorja oħra li jqisu bħala xierqa*** |

Or. en

**Emenda 291**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar allegatament illegali ta’ sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta’ garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 292**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar allegatament illegali ta' sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu***, bħala alternattiva għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1,*** jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar allegatament illegali ta' sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali. |

Or. en

**Emenda 293**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar allegatament illegali ta' sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu***, bħala alternattiva għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1,*** jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar allegatament illegali ta' sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali. |

Or. en

**Emenda 294**
**Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-akkwist***, l-użu jew l-iżvelar*** allegatament illegali ta' sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu***, f'ċirkostanzi eċċezzjonali,*** jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-akkwist ***jew l-użu*** allegatament illegali ta' sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali. ***L-iżvelar ta' sigriet kummerċjali ma għandux jiġi permess kontra l-preżentazzjoni ta' garanziji.*** |

Or. en

**Emenda 295**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ***għandhom***, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdi evidenza li tista' titqies raġonevolment disponibbli sabiex jissodisfaw ruħhom li s-sigriet kummerċjali jeżisti, li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali leġittimu u li sigriet kummerċjali kien akkwistat illegalment, li sigriet kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment, jew li hija imminenti akkwiżizzjoni, użu jew żvelar illegli ta' sigriet kummerċjali. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, ***ikollhom*** l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdi evidenza li tista' titqies raġonevolment disponibbli sabiex jissodisfaw ruħhom b'livell suffiċjenti ta' ċertezza li sigriet kummerċjali jeżisti, li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali u li s-sigriet kummerċjali nkiseb illegalment, li sigriet kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment, jew li l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali huwa imminenti. |

Or. fr

**Emenda 296**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdi evidenza li tista' titqies raġonevolment disponibbli sabiex jissodisfaw ruħhom li s-sigriet kummerċjali jeżisti, li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali leġittimu u li sigriet kummerċjali kien akkwistat illegalment, li sigriet kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment, jew li hija imminenti akkwiżizzjoni, użu jew żvelar ***illegli*** ta' sigriet kummerċjali. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdi evidenza li tista' titqies raġonevolment disponibbli sabiex jissodisfaw ruħhom***, b'livell suffiċjenti ta' ċertezza,*** li s-sigriet kummerċjali jeżisti, li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali u li sigriet kummerċjali kien akkwistat illegalment, li sigriet kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment, jew li hija imminenti akkwiżizzjoni, użu jew żvelar ***illegali*** ta' sigriet kummerċjali. |

Or. it

**Emenda 297**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdi evidenza li ***tista' titqies raġonevolment disponibbli sabiex jissodisfaw ruħhom li s-sigriet*** kummerċjali ***jeżisti***, li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali leġittimu u li sigriet kummerċjali kien akkwistat illegalment, li ***sigriet*** kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment***, jew li hija*** | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdi evidenza li ***l-kwistjoni involuta tikkwalifika bħala sigriet*** kummerċjali, li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali leġittimu u li sigriet kummerċjali kien akkwistat illegalment, li ***s-sigriet*** kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment. |

***imminenti akkwiżizzjoni, użu jew żvelar illegli ta' sigriet kummerċjali***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-applikant għandu jkun kapaċi juri li s-sigriet kummerċjali jeżisti u jikkwalifika bħala sigriet kummerċjali billi jipprovdi informazzjoni u provi konkreti.*

**Emenda 298**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdi evidenza li tista' titqies raġonevolment disponibbli sabiex jissodisfaw ruħhom li s-sigriet kummerċjali jeżisti, li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali leġittimu u li sigriet kummerċjali kien akkwistat illegalment, li sigriet kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment, jew li hija imminenti akkwiżizzjoni, użu jew żvelar illegli ta' sigriet kummerċjali***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***fejn tingħata l-applikazzjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu meħtieġa li jivvalutaw il-proporzjonalità tad-deċiżjoni billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, bħall-valur tas-sigriet kummerċjali u l-miżuri li ttieħdu biex jiġi protett***. |

Or. en

**Emenda 299**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu li jagħtu jew jiċħdu l-applikazzjoni u jivvalutaw ***l-proporzjonalità*** tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu mitluba li jqisu ***l-valur*** tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali, il-kondotta tal-intimat fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt tal-iżvelar jew l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista' jkollhom fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu li jagħtu jew jiċħdu l-applikazzjoni u jivvalutaw ***il-proporzjonalità*** tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu mitluba li jqisu ***ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq, il-valur*** tas-sigriet kummerċjali, ***jew karatteristiċi oħra tas-sigriet kummerċjali,*** il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali, ***kif ukoll*** il-kondotta tal-intimat fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista' jkollhom fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. |

Or. fr

**Emenda 300**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu li jagħtu jew jiċħdu l-applikazzjoni u jivvalutaw l-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu mitluba li jqisu ***l-valur*** tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali***,*** il-kondotta tal-intimat fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt ***tal-iżvelar jew l-użu*** illegali tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu li jagħtu jew jiċħdu l-applikazzjoni u jivvalutaw l-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu mitluba li jqisu ***l-karatteristiċi speċifiċi tal-każ. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq, il-valur*** tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali ***jew fatturi speċifiċi oħra tas-sigriet kummerċjali, kif ukoll*** il-kondotta ***intenzjonata jew mhux*** |

l-għoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista' jkollhom fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali***, inkluża l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni***.

***intenzjonata*** tal-intimat fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt ***tal-użu jew l-iżvelar*** illegali tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista' jkollhom fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali.

Or. en

**Emenda 301**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu li jagħtu jew jiċħdu l-applikazzjoni u jivvalutaw l-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu mitluba li jqisu ***l-valur*** tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali***,*** il-kondotta tal-intimat fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt ***tal-iżvelar jew l-użu*** illegali tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista' jkollhom fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali***, inkluża l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni***. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu li jagħtu jew jiċħdu l-applikazzjoni u jivvalutaw l-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu mitluba li jqisu ***l-karatteristiċi speċifiċi tal-każ. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq, il-valur*** tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali ***jew fatturi speċifiċi oħra tas-sigriet kummerċjali, kif ukoll*** il-kondotta ***intenzjonata jew mhux intenzjonata*** tal-intimat fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt ***tal-użu jew l-iżvelar*** illegali tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista' jkollhom fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali. |

Or. en

**Emenda 302**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li miżuri provviżorji msemmija fl-Artikolu 9 huma revokati jew inkella jieqfu milli jidħlu fis-seħħ, fuq talba tal-intimat, jekk:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-applikant ma jibdiex proċedimenti li jwasslu għal deċiżjoni dwar il-meriti tal-każ quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, f'perjodu raġonevoli ta' żmien determinat mill-awtorità ġudizzjarja li tordna l-miżuri meta liġi ta' Stat Membru tippermetti dan jew, fin-nuqqas ta' tali determinazzjoni, fi żmien mhux aktar minn 20 ġurnata tax-xogħol jew 31 jum kalendarju, liema minnhom ikun l-itwal;*** | |
| ***Sadanittant, it-tagħrif inkwistjoni m'għadhux jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (1) tal-Artikolu 2, għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'riżultat tal-emenda li tħassar l-Artikolu 9 dwar miżuri proviżorji u kawtelatorji.*

**Emenda 303**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li miżuri ***provviżorji*** msemmija fl-Artikolu 9 huma revokati jew inkella jieqfu milli | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li miżuri ***proviżorji*** msemmija fl-Artikolu 9 huma revokati jew inkella jieqfu milli |

| | |
|---|---|
| jidħlu fis-seħħ, fuq talba tal-intimat, jekk: | jidħlu fis-seħħ, fuq talba tal-intimat, jekk: |

Or. en

**Emenda 304**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) l-applikant ma jibdiex proċedimenti li jwasslu għal deċiżjoni dwar il-***meriti*** tal-każ quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, f'perjodu raġonevoli ta' żmien determinat mill-awtorità ġudizzjarja li tordna l-miżuri meta liġi ta' Stat Membru tippermetti dan ***jew, fin-nuqqas ta' tali determinazzjoni, fi żmien mhux aktar minn 20 ġurnata tax-xogħol jew 31 jum kalendarju, liema minnhom ikun l-itwal***; | a) l-applikant ma jibdiex proċedimenti li jwasslu għal deċiżjoni dwar il-***merti*** tal-każ quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, f'perjodu raġonevoli ta' żmien determinat mill-awtorità ġudizzjarja li tordna l-miżuri meta liġi ta' Stat Membru tippermetti dan; |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Perjodu ta' limitazzjoni fuq l-effetti ta' deċiżjoni ġudizzjarja temporanja f'ċerti Stati Membri mhijiex il-prattika normali, għalhekk l-aħħar parti tal-paragrafu għandha titħassar u l-iskadenza titħalla f'idejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti skont il-liġi nazzjonali.*

**Emenda 305**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jagħmlu l-miżuri proviżorji msemmija fl-Artikolu 9 soġġeti għal*** | ***imħassar*** |

|  |  |
|---|---|
| ***preżentazzjoni mill-applikant ta' sigurtà adegwata jew assigurazzjoni ekwivalenti intiża biex tassigura il-kumpens mingħajr preġudizzju soffert mill-intimat jew kwalunkwe persuna oħra milquta mill-miżuri.*** |  |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'riżultat tal-emenda li tħassar l-Artikolu 9 dwar miżuri proviżorji u kawtelatorji.*

**Emenda 306**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jagħmlu l-miżuri proviżorji msemmija fl-Artikolu 9 soġġeti għal preżentazzjoni mill-applikant ta' sigurtà adegwata jew assigurazzjoni ekwivalenti intiża biex tassigura il-kumpens mingħajr preġudizzju soffert mill-intimat jew kwalunkwe persuna oħra milquta mill-miżuri. | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)* |

Or. en

**Emenda 307**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Fejn il-miżuri interim huma revokati fuq il-bażi tal-punt (a) tal-paragrafu 3,*** | ***imħassar*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***fejn dawn jiskadu minħabba kwalunkwe att jew omissjoni mill-applikant, jew fejn sussegwentement jinstab li ma kien hemm l-ebda akkwist, żvelar jew użu illegali ta' sigriet kummerċjali jew theddid ta' kondotta bħal din, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandu jkollhom l-awtorità sabiex jordnaw lill-applikant, fuq talba tal-intimat jew ta' parti terza danneġġjata, biex jipprovdi lil-intimat, jew il-parti terza danneġġata, b'kumpens xieraq għal kwalunkwe dannu kkawżat minn dawk il-miżuri.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'riżultat tal-emenda li tħassar l-Artikolu 9 dwar miżuri proviżorji u kawtelatorji*

**Emenda 308**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn il-miżuri ***interim*** huma revokati fuq il-bażi tal-punt (a) tal-paragrafu 3, fejn dawn jiskadu minħabba kwalunkwe att jew omissjoni mill-applikant, jew fejn sussegwentement jinstab li ma kien hemm l-ebda akkwist, ***żvelar jew użu*** illegali ta' sigriet kummerċjali jew theddid ta' kondotta bħal din, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandu jkollhom l-awtorità sabiex jordnaw lill-applikant, fuq talba tal-intimat jew ta' parti terza danneġġjata, biex jipprovdi lil-intimat, jew il-parti terza danneġġata, b'kumpens xieraq għal kwalunkwe dannu kkawżat minn dawk il-miżuri. | 5. Fejn il-miżuri ***proviżorji*** huma revokati fuq il-bażi tal-punt (a) tal-paragrafu 3, fejn dawn jiskadu minħabba kwalunkwe att jew omissjoni mill-applikant, jew fejn sussegwentement jinstab li ma kien hemm l-ebda akkwist, ***użu jew żvelar*** illegali ta' sigriet kummerċjali jew theddid ta' kondotta bħal din, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandu jkollhom l-awtorità sabiex jordnaw lill-applikant, fuq talba tal-intimat jew ta' parti terza danneġġjata, biex jipprovdi lil-intimat, jew il-parti terza danneġġata, b'kumpens xieraq għal kwalunkwe dannu kkawżat minn dawk il-miżuri. |

Or. en

**Emenda 309**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq talba tal-applikant jordnaw kontra l-kontraventur: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja ***finali*** li ssib akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq talba tal-applikant jordnaw kontra l-kontraventur: |

Or. ro

**Emenda 310**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(a) dikjarazzjoni ta' kontravenzjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 311**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(a) dikjarazzjoni ta' kontravenzjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 312**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) dikjarazzjoni ta' ***kontravenzjoni***; | (a) dikjarazzjoni ta' ***aċċess, żvelar jew użu illegali***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu tal-kelma "kontravenzjoni" hija tipikament użata fil-kuntest tal-liġi tal-proprjetà intellettwali u għalhekk hija qarrieqa f'dan il-kuntest, minħabba li sigriet kummerċjali mhuwiex dritt ta' proprjeta intellettwali.*

**Emenda 313**
**Julia Reda, Pascal Durand**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li l-prodotti ***kontraventorji*** titneħħielhom il-kwalità ***kontraventorja tagħhom***; | (c) li l-prodotti ***illegali*** titneħħielhom il-kwalità ***li ġiet mill-użu tas-sigriet kummerċjali***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu tal-kelma "prodotti kontraventorji" hija tipikament użata fil-kuntest tal-liġi tal-proprjetà intellettwali u għalhekk hija qarrieqa f'dan il-kuntest.*

**Emenda 314**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jordnaw li ***dawk il-miżuri*** jitwettqu bl-ispejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe danni li jistgħu jiġġarbu mid-detentur tas-sigriet kummerċjali minħabba l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali. | L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jordnaw li ***l-miżuri msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1*** jitwettqu bl-ispejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe danni li jistgħu jiġġarbu mid-detentur tas-sigriet kummerċjali minħabba l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali. |

Or. en

**Emenda 315**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jordnaw li ***dawk il-miżuri*** jitwettqu bl-ispejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe danni li jistgħu jiġġarbu mid-detentur tas-sigriet kummerċjali minħabba l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali. | L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jordnaw li ***l-miżuri msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1*** jitwettqu bl-ispejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe danni li jistgħu jiġġarbu mid-detentur tas-sigriet kummerċjali minħabba l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali. |

Or. en

**Emenda 316**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) ***huma revokati jew inkella*** jieqfu milli jkollhom effett legali, fuq talba tal-intimat jekk sadanittant l-informazzjoni inkwistjoni ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punt (1) tal-Artikolu 2 għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) jieqfu milli jidħlu fis-seħħ, fuq talba tal-intimat jekk sadanittant l-informazzjoni in kwistjoni ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punt (1) tal-Artikolu 2 għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat. |

Or. ro

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri jieqfu milli jidħlu fis-seħħ, mhumiex revokati.*

**Emenda 317**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li, fuq talba ***tal-persuna responsabbli li tkunu soġġetta għall-miżuri*** previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: | 3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li, fuq talba ***ta' waħda mill-partijiet, fil-każijiet fejn jiġu applikati l-miżuri*** previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: |

Or. it

**Emenda 318**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu li, fuq talba tal-persuna responsabbli li ***tkunu*** soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: | L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu li, ***f'każijiet xierqa,*** fuq talba tal-persuna responsabbli li ***tkun*** soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 319**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu li, fuq talba tal-persuna responsabbli li ***tkunu*** soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: | L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu li, ***f'każijiet xierqa,*** fuq talba tal-persuna responsabbli li ***tkun*** soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 320**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu li, fuq talba tal-persuna responsabbli li ***tkunu*** soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: | L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu li, fuq talba tal-persuna responsabbli li ***tkun*** soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 321**
**Jean-Marie Cavada, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 - punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) il-persuna kkonċernata ***oriġinarjament akkwistat għarfien*** tas-sigriet kummerċjali ***b'rieda tajba u tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3(4)***; | a) il-persuna kkonċernata ***fil-ħin tal-użu jew l-iżvelar*** tas-sigriet kummerċjali***, la kienet taf u lanqas kellha raġuni, taħt iċ-ċirkostanzi, biex tkun taf li s-sigriet kummerċjali kien miksub minn persuna oħra li kienet qed tuża jew tiżvela s-sigriet kummerċjali b'mod illegali***; |

Or. fr

**Emenda 322**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, |

| | |
|---|---|
| jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali ***id-danni*** xierqa għall-ħsara attwali mġarrba. | jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist***,*** l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali ***d-danni*** xierqa għall-ħsara attwali mġarrba ***b'riżultat tal-kontravenzjoni***. |

Or. it

**Emenda 323**
**Daniel Buda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali id-danni xierqa għall-ħsara ***attwali*** mġarrba. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali id-danni xierqa għall-ħsara mġarrba. ***Id-danni jistgħu jitħallsu wkoll għal preġudizzju futur jekk l-okkorrenza ta' tali preġudizzju hija ċerta.*** |

Or. ro

**Emenda 324**
**Jytte Guteland**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, |

jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali ***id-danni*** xierqa għall-ħsara attwali mġarrba.

jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist**,** l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali ***d-danni*** xierqa għall-ħsara attwali mġarrba. ***F'konformità mal-liġi u l-prassi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw ir-responsabbiltà għad-danni ta' impjegati lejn l-impjegaturi tagħhom għall-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali tal-impjegatur. Din l-għażla tapplika wkoll meta l-akkwist, l-użu u l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali jseħħ wara li l-impjieg ta' impjegat ikun terminat.***

Or. en

**Emenda 325**
**Jean-Marie Cavada, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali id-danni xierqa għall-ħsara attwali mġarrba. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali d-danni xierqa għall-ħsara attwali mġarrba ***minħabba l-ksur.*** |

Or. fr

**Emenda 326**
**Julia Reda, Pascal Durand, Max Andersson**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, jordnaw ***lill-kontraventur li kien jaf*** jew li ***messu kien jaf*** li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali ***id-danni*** xierqa għall-ħsara attwali mġarrba. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, jordnaw ***lill-persuna li għamlet akkwist, żvelar jew użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li kienet taf*** jew li ***messha kienet taf*** li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist**,** l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali ***d-danni*** xierqa għall-ħsara attwali mġarrba ***b'riżultat tal-aċċess, l-iżvelar jew l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali***. |

Or. en

**Emenda 327**
**Jean-Marie Cavada, Frédérique Ries**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. F'konformità mal-liġi u l-prassi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw ir-responsabbiltà għall-ħsara tal-impjegati lejn l-impjegaturi tagħhom f'każ ta' ksib, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali tal-impjegatur meta dawn ma jaġixxux intenzjonalment.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din iż-żieda tillimita r-responsabbiltà sekondarja tal-ħaddiema fejn sigriet kummerċjali jinkiseb,jintuża jew jiġi żvelat illegalment iżda mhux intenzjonalment.*

**Emenda 328**
**Julia Reda, Pascal Durand, Max Andersson**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. F'konformità mal-liġi u l-prassi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw ir-responsabbiltà għad-danni ta' impjegati lejn l-impjegaturi tagħhom għall-akkwist, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali tal-impjegatur. Din l-għażla tapplika wkoll meta l-akkwist, l-iżvelar u l-użu illegali ta' sigrieti kummerċjali jseħħ wara li l-impjieg ta' impjegat ikun terminat.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Reċiproċità għaż-żewġ partijiet fir-rigward tad-danni.*

**Emenda 329**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. F'konformità mal-liġi u l-prassi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jillimitaw ir-responsabbiltà għad-danni ta' impjegati lejn l-impjegaturi tagħhom għall-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, jekk iseħħ involontarjament.*** |

Or. it

**Emenda 330**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jiġu ffisati d-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jikkunsidraw il-fatturi xierqa kollha, bħall-konsegwenzi negattivi ekonomiċi, li jinkludu ***qliegħ*** mitluf, ***li l-parti*** li sarulha d-danni, xi profitti inġusti li saru mill-kontraventur u, f'każijiet xierqa, elementi barra fatturi ekonomiċi***, bħall-preġudizzju morali ikkawżat lid-detentur tas-sigriet kummerċjali bl-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali***. | 2. Meta jiġu ffisati d-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jikkunsidraw il-fatturi xierqa kollha, bħall-konsegwenzi negattivi ekonomiċi, li jinkludu ***qligħ*** mitluf, ***lill-parti*** li sarulha d-danni, xi profitti inġusti li saru mill-kontraventur u, f'każijiet xierqa, elementi barra fatturi ekonomiċi. |

Or. it

**Emenda 331**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jiġu ***ffisati*** d-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jikkunsidraw il-fatturi xierqa kollha, bħall-konsegwenzi negattivi ekonomiċi, li jinkludu ***qliegħ*** mitluf***, li*** l-parti li sarulha d-danni, xi profitti inġusti li saru mill-kontraventur u, f'każijiet xierqa, elementi barra fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju ***morali ikkawżat*** lid-detentur tas-sigriet kummerċjali bl-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali. | Meta jiġu ***ffissati*** d-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jikkunsidraw il-fatturi xierqa kollha, bħall-konsegwenzi negattivi ekonomiċi, li jinkludu ***qligħ*** mitluf ***tal-parti*** li sarulha d-danni, xi profitti inġusti li saru mill-kontraventur u, f'każijiet xierqa, elementi barra fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju ***immaterjali kkawżat*** lid-detentur tas-sigriet kummerċjali bl-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*"Preġudizzji morali" mhumiex irrikonoxxuti bil-liġi Ġermaniża, għalhekk hawnhekk bilfors għandhom x'jaqsmu preġudizzji immaterjali (bil-Franċiż: moral préjudice).*

**Emenda 332**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu ukoll, skont il-każ jifissaw id-danni bħala somma li titħallas f'daqqa fuq il-bażi ta' elementi bħal minimu tal-ammont tar-royalties jew tat-tariffi li kieku kienu jkunu dovuti jekk il-persuna li għamlet il-ksur talbet awtorizzazzjoni sabiex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Tali somma li titħallas f'daqqa għandha tkun ibbażata fuq it-tariffa għal użu permess, iżda dan mhuwiex normalment previst.*

**Emenda 333**
**Kostas Chrysogonos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, fil-proċedimenti legali istitwiti għall-akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw, fuq it-talba tal-applikant u jħallas il-kontraventur, | 1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, fil-proċedimenti legali istitwiti għall-akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw, fuq it-talba tal-applikant u jħallas il-kontraventur, |

| | |
|---|---|
| miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni, li jinkludi l-pubblikazzjoni tagħha sħiħa jew parti minnha. | miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni, li jinkludi l-pubblikazzjoni tagħha sħiħa jew parti minnha ***fil-midja pprintjata u elettronika, inkluża l-paġna web uffiċjali tal-kontraventur***. |

Or. en

**Emenda 334**
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Biex jiġi deċiż jekk ***jiġux ordnati miżuri ta' pubbliċità*** u ***ta' stima*** ta' proporzjonalità, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu ***d-dannu possibbli li miżura bħal din tista' tikkawża għall-privatezza u r-reputazzjoni tal-kontraventur, kull meta l-kontraventur huwa persuna naturali, kif ukoll il-valur tas-sigriet kummerċjali, il-kondotta*** tal-kontraventur fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali***, l-impatt tal-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, u l-probabbiltà ta' aktar użu u żvelar tas-sigriet kummerċjali mill-kontraventur***. | 3. Biex jiġi deċiż jekk ***tiġix ordnata waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1***, u ***l-istima*** ta' proporzjonalità ***tagħha***, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu ***jekk il-pubblikazzjoni ta' dik l-informazzjoni tkunx ġustifikata, b'mod partikolari fid-dawl tal-kondotta*** tal-kontraventur fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali. |

Or. en

**Emenda 335**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Is-sanzjonijiet previsti għandhom*** | ***Fejn previst mil-liġi nazzjonali,*** nuqqas ta' |

| | |
|---|---|
| ***jinkludu l-possibbiltà li jiġu imposti penali ta' pagamenti rikorrenti f'każ ta'*** nuqqas ta' konformità ma' miżura adottata skont l-Artikoli 9 u 11. | konformità ma' miżura adottata skont l-Artikoli 9 u 11***, għandha, fejn xieraq, tkun soġġetta għal penali ta' pagamenti rikorrenti***. |

Or. en

**Emenda 336**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Is-sanzjonijiet previsti għandhom jinkludu l-possibbiltà li jiġu imposti penali ta' pagamenti rikorrenti f'każ ta'*** nuqqas ta' konformità ma' miżura adottata skont l-Artikoli 9 u 11. | ***Fejn previst mil-liġi nazzjonali,*** nuqqas ta' konformità ma' miżura adottata skont l-Artikoli 9 u 11***, għandha, fejn xieraq, tkun soġġetta għal penali ta' pagamenti rikorrenti***. |

Or. en

**Emenda 337**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa XX XX 20XX [tliet snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], ***l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għal Marki Kummerċjali u Disinji***, fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, għandha tħejji rapport inizjali dwar xejriet ta' litigazzjoni fir-rigward tal-akkwist, ***użu*** jew ***żvelar*** illegali tas-sigrieti kummerċjali skont l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. | 1. Sa XX XX 20XX [tliet snin wara l-għeluq tal-perijodu ta' traspożizzjoni], ***l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern***, fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, għandha tħejji rapport inizjali dwar xejriet ta' litigazzjoni fir-rigward tal-akkwist, ***l-użu*** jew ***l-iżvelar*** illegali tas-sigrieti kummerċjali skont l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 338**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa XX XX 20XX [tliet snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], ***l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għal Marki Kummerċjali u Disinji***, fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, għandha tħejji rapport inizjali dwar xejriet ta' litigazzjoni fir-rigward tal-akkwist, ***użu*** jew ***żvelar*** illegali tas-sigrieti kummerċjali skont l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. | 1. Sa XX XX 20XX [tliet snin wara l-għeluq tal-perijodu ta' traspożizzjoni], ***l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern***, fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, għandha tħejji rapport inizjali dwar xejriet ta' litigazzjoni fir-rigward tal-akkwist, ***l-użu*** jew ***l-iżvelar*** illegali tas-sigrieti kummerċjali skont l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 339**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sa XX XX 20XX [erba' snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tfassal rapport intermedju dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jieħu f'kunsiderazzjoni r-rapport imħejji mill-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. | 2. Sa XX XX 20XX [erba' snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tfassal rapport intermedju dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva***, anke fir-rigward tal-effetti possibbli tagħha fuq id-drittijiet fundamentali u fuq il-mobilità tal-ħaddiema u titjib ulterjuri eventwali fi kwistjonijiet ta' kooperazzjoni tal-innovazzjoni,*** u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jieħu f'kunsiderazzjoni r-rapport imħejji mill-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà |

intellettwali.

Or. it